MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 193/2006/1

**Roderick Galea**

**vs**

**Miriam Dalli**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Gunju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-30 ta' Gunju, 2006 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li (1) prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-allegazzjonijiet imxandra minnha waqt il-bullettin ta' l-ahbarijiet ta' Super One Television tas-16 ta' Gunju 2006 tas-7:30p.m. u tas-17 ta' Gunju 2006 tat-8:00a.m. – li taghhom tidher

traskrizzjoni annessa bhala Dok A – huma malafamanti u libelluzi fil-konfront ta’ l-attur u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu.

(2) thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, ai termini ta’ l-Art 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mill-attur mhijiex libelluza fil-konfront tieghu.

2. Illi inoltre l-fatti msemmija jikkonsistu f’rapurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku accettabbli f’socjeta’ demokratika, kemm taht il-Ligi ta’ l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk l-attur deherlu li kien fihom xi inezattezzi li jolqtu lilu, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.

3. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f’*fair comment* maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta’ interess pubbliku, accettabbli f’socjeta’ demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-kumpens maghmul mill-attur wara illi allegatament gie ngurjat minn ahbar illi giet imxandra fuq l-istazzjon Super One fis-16 ta’ Gunju 2006 u 17 ta’ Gunju 2006 fejn intqal li l-attur kien qed isuq van meta ma kienx licenzjat biex jaghmel dan. Din l-ahbar inghatat fil-kuntest ta’ investigazzjonijiet li kienu ghaddejjin dak iz-zmien mill-Pulizija dwar tixhim ta’ ezaminaturi tat-traffiku fi hdan l-ADT. L-attur kien wiehed minn dawn l-ezaminaturi.

Fix-xhieda tieghu moghtija a fol 12 tal-process l-attur qal illi l-ahbar imxandra fuq is-Super One kienet korretta hlief ghal sentenza wahda fl-ahhar fejn inghad li huwa kien qed isuq van minghajr licenzja. Qal fost affarijiet ohra *“it-transcript a fol 2 tal-process huwa kollu korrett barra l-ahhar sentenza u jiena ghal dik qed noggezzjona biss, ghal xejn aktar.”*

Il-konvenuta (fol 23) ikkonfermat li hija kienet l-editur tal-One News fil-granet in kwistjoni u kkonfermat ukoll illi l-ahbar kienet imxandra kif jidher fit-transcript a fol 2 tal-process. Ammettiet ukoll li ma kienetx preciza dwar il-fatt li Galea ma kellux licenzja pero’ ggustifikat dan ghax qalet li haditu minn fuq il-*maltastar.com* xi jumejn qabel u ma kienetx intalbet ratifika minghand l-attur. Esebiet kopja ta’ l-ahbar tal-*maltastar.com* li qieghda esebita a fol 30 tal-process.

Ikkunsidrat:

Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet ghal dawk li huma l-fatti. Veru illi l-attur Roderick Galea kien involut fit-tixhim tal-ghoti tal-licenzji tas-sewqan u ghadda process legali f’dan il-kuntest. Fil-fatt ir-rapport huwa kollu korrett, anke fejn intqal illi l-attur kien *canvasser* ta’ l-allura Ministru Jesmond Mugliett u li kien ukoll ha l-leave sabiex iwassal kostitwenti tieghu ghal xi avveniment li l-Ministru kien qieghed jorganizza f’xi zmien. Jaqblu wkoll illi

l-parti fejn gie allegat illi l-attur kien qieghed isuq il-van minghajr licenzja kienet skorretta u l-attur kellu fil-fatt licenzja.

Il-konvenuta pero' qieghda tezimi responsabilita' ghal malafama peress illi r-rapport huwa sostanzjalment korrett u gie zbaljat biss f'sentenza wahda fejn li kieku l-attur gibed l-attenzjoni tal-konvenuta dwar dan l-izball kienet issir ir-ratifika u l-kwistjoni tieqaf hemm. Ghalhekk il-Qorti trid tindaga jekk is-sentenza inkriminanti kienetx twassal ghall-estremi ta' malafama jew inkella l-attur kellux xi dritt iehor disponibbli ghalih flok dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi l-gharef difensur tal-konvenuta fit-trattazzjoni tieghu semma illi r-rapport kif muri a fol 2 tal-process huwa sostanzjalment korrett u fejn kien hemm zball l-attur seta' facilment jitlob ratifika ghaliha u dina tigi pubblikata mill-konvenuta u ma kellux ghalfejn jistitwixxi dawn il-proceduri. Filwaqt illi l-Qorti taqbel illi hemm hafna verita' f'dak illi gie mxandar, il-fatt illi nghad li l-attur ma kellux licenzja u kien qed isuq van bil-passiggieri jkompli jiggrava s-sitwazzjoni tieghu gia hazina bl-involviment tieghu fit-tixhim tal-ottjeniment tal-licenzji tas-sewqan, pero' l-attur kellu ghazla jew jitlob ratifika jew inkella jistitwixxi dawn il-proceduri.

Fil-kawza fl-ismijiet l-Onorevoli Perit Charles Buhagiar vs Ray Bugeja deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Mejju 2001 il-Qorti qalet li d-dritt ta' risposta skond il-Ligi ta' l-Istampa hu ndipendenti minn kull dritt iehor ta' l-istess ligi. Dan ifisser li jekk il-kitba tkun saret malafama min jigi malafamat jista' jew juza d-dritt ta' risposta kif ukoll iharrek dwar il-malafama. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tehodha kontra l-attur talli ghazel li

jistitwixxi dawn il-proceduri minflok ma jitlob ratifika.

Ikkunsidrat:

L-attrici qalet fix-xhieda taghha illi l-ahbar haditha minn fuq is-sit *maltastar.com* li giet imqieghda fuq l-internet jumejn qabel ma saret ix-xandira fuq is-Super One. Il-Qorti pero' tirrileva illi dan ma tantx jagevola lill-konvenuta peress illi skond il-kopja esebita minnha stess (fol 30) filwaqt illi ssemma fatt illi xi hadd saq persuni minghajr ma kien kopert bil-licenzja, imkien ma gie identifikat l-attur. Kien biss bix-xandira fuq imsemmija illi l-attur gie identifikat bhala l-persuna li kien qed isuq van bin-nies minghajr licenzja.

Il-Qorti tosserva illi l-attur mhuwiex xi persuna pubblika li ghandu allura jissaporti grad ta' kritika oghla minn persuna ohra u bhala cittadin privat ghandu dritt ghal privatezza tieghu, anke jekk ikun ghamel zball u dan l-izball ikun ta' interess pubbliku u jimmerita li jkun imxandar. Pero' min nahha l-ohra l-media m'ghandhiex tintuza bhala ghodda sabiex tirredikola individwu u tesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku (ara David Agius vs Alfred Sant deciza fis-7 ta' Mejju 1993). Ma hemmx dubbju li min semgha dik ix-xandira bl-isem ta' l-attur f'parti prominenti ta' l-ahbar jasal ghal konkluzzjoni li l-attur haqqu kull disprezz talli kompla gharraq is-sitwazzjoni hazina tieghu b'fatt aktar inkriminanti. Bhalma diga' nghad huwa minnu illi l-attur ghamel hazin u zbalja, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi ghandha tigi addebitata lilu kwalunkwe zball immaginabbli biex titkompla tigi mgharrqa s-sitwazzjoni gia prekarja tieghu. Kullhadd hu responsabbli ghal dak li ghamel u ghal xejn aktar.

Il-konvenuta fix-xandira taghha ma ghamlet l-ebda kumment izda biss iddikjarat fatt illi kien zbaljat u ghalhekk f'dan il-kaz ma tistax tecepixxi *fair*

*comment* peress illi kummenti ma kienx hemm u lanqas ma tista' teccepixxi li hadet zball meta xandret dik il-parti li kienet zbaljata.

Fil-kawza Carmen Sant vs Dr Enrico sive Henry Vassallo (deciza fis-7 ta' Frar 1992) il-Qorti qalet illi anke meta kliem ikunu pubblikati bi zball b'nuqqas ta' hsieb jew bic-cajt dan ma jezonerax lill-awtur mir-responsabbilta'. Il-ligi hi nklinata li thares lejn it-tendenzi u l-konsegwenzi wara l-pubblikazzjoni u affermat il-principju ta' *right to privacy* anke ghar-rigward ta' persuni b'ufficcju pubbliku. Dan hu proprju dak illi gara f'dan il-kaz fil-kwalita' tieghu ta' ezaminatur ma' l-ADT. L-attur kien qed jokkupa ufficcju pubbliku u l-piena tieghu tirrifletti tali ufficcju. Pero' ghandu jkun responsabbli biss ta' dak illi ghamel u m'ghandux jigi timbrat b'fatti inveritjeri li jkompli jgharrqu s-sitwazzjoni tieghu.

Fil-kawza Pawlu Bonnici Limited vs Anthony Montanaro (Appell 26 ta' Mejju 1992) il-Qorti qalet illi *"l-editur huwa responsabbli taht l-Artikolu 29 tal-Press Act jekk ma jivverifikax il-verita' ta' dak illi jippubblika..."* Il-konvenuta f'dan il-kaz ma vverifikatx dak illi kienet qed tippubblika u parti minnu kif inghad ma kienx veritjer u ghalhekk ghandha terfa' r-responsabbilta' ta' din il-pubblikazzjoni jew xandira.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda d-danni ma hemmx dubbju illi r-reputazzjoni ta' l-attur giet mgharrqa aktar milli kienet. Veru illi ta' dan ghandu jkun parti responsabbli peress illi kien b'agir volut tieghu illi ghamel dak illi ghamel u li tieghu gie kkundannat. Pero' ghandu dritt illi jipprotegi l-fama tieghu fejn din jisthoqqilha illi tkun protetta u d-danni ghandhom ikunu relatati mal-hsara illi x-xandira ingurjuza setghet potenzjalment tikkreja lill-attur.

> Fil-kawza fl-ismijiet <u>Carmel Tonna et vs Felix Agius et</u> (Prim Awla 23 ta' Marzu, 1993) il-Qorti qalet "*dawn id-danni m'ghandhomx jigu likwidati in vaquo imma ghandhom jigu relatati mal-hsara li l-kitba ingurjuza setghet potenzjalment tikkreja lill-libellati jew li tkun attwalment ikkagunatilhom....*" (ara wkoll <u>Nazzareno sive Reno Galea vs Joseph E Storace</u> Prim Awla deciza fl-14 ta' Dicembru 1965). Il-Qorti jidhrilha illi l-parti inveritjera mix-xandira setghet taffetwa negattivament il-potenzjal ta' l-attur illi jsib xi mpjieg wara l-kundanna tieghu u ta' dan ghandu jigi kkumpensat.
>
> Ghal dawn il-motivi,
>
> Taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur. Tiddikjara illi l-allegazzjonijiet imxandra mill-konvenuta waqt il-bullettin ta' l-ahbarijiet ta' Super One Television tas-16 ta' Gunju 2006 tas-7:30p.m. u tas-17 ta' Gunju 2006 tat-8:00a.m. – huma malafamanti u libelluzi fil-konfront ta' l-attur. Tillikwida d-danni dovuta lill-attur fis-somma ta' tminn mitt euro (€800) u tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-attur din is-somma hekk likwidata.
>
> Bl-ispejjez u l-interessi mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuta.**"**

Fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza appellat il-konvenuta biex titlob ir-revoka taghha.  Sintetikament, l-ilmenti taghha huma cirkoskritti ghal dawn li jsegwu:-

(1) Il-ligi tal-libell m'ghandhiex ixxekkel bla bzonn il-liberta` ta' l-espressjoni u d-dritt ghall-informazzjoni.  Fil-kuntest l-appellanti tirreferi ghall-bosta precedenti kemm tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qrati lokali;

(2)  Anke jekk koncess li parti mill-ahbar kienet zbaljata, dan in-nuqqas ma kienx intenzjonat jew b'xi

animosita` versu l-attur. Skond l-istess appellanti n-nuqqas ta' l-element intenzjonali hu raffigurat mic-cirkostanza illi hi hadet dik il-parti ta' l-ahbar mis-sit elettroniku tal-gurnal maltastar.com;

(3) L-attur kellu disponibbli r-rimedju effettiv u immedjat tar-risposta. In vista ta' dan hi ma kellhiex tigi kastigata b'penalitajiet bla bzonn;

(4) Il-likwidazzjoni tal-penali ma kienetx gustifikata tenut kont tan-nuqqas ta' intenzjoni malafamanti u tal-konsiderazzjoni li l-fatt zbaljat imxandar ma setax kellu xi influwenza partikolari fuq il-prospettivi tax-xoghol ta' l-attur, avut rigward tas-serjeta` ta' l-akkuzi l-ohra ammessi minnu;

Fil-qosor hafna ghal dawk li huma l-fatti essenzjali jirrizulta li fiz-zmien rilevanti l-attur kien Driving Examiner ma' l-ADT. Huwa gie inkriminat b'reat ta' tixhim u fuq l-ammissjoni tieghu l-Qorti imponietlu interdizzjoni perpetwa milli jokkupa kariga pubblika. L-ewwel parti ta' l-ahbar imxandra tirreferi proprju ghal dan il-kaz. Gie, pero`, mizjud fit-tieni parti ta' l-istess ahbar imxandra illi l-attur, kanvaser ta' l-allura Ministru Jesmond Mugliette saq kostitwenti ta' l-istess Ministru ghall-attivita` organizzata meta ma kellux licenzja biex isuq il-minivan u dan bi ksur tal-ligi;

Mill-provi akkwiziti mill-process l-attur jaccetta li l-ewwel parti ta' l-ahbar kienet korretta pero` sab oggezzjoni ghat-tieni parti taghha billi bil-kontra ta' dak allegat fl-ahbar hu kien munit b'licenzja tas-sewqan u seta' jsuq kull xorta ta' vettura. Ara d-deposizzjoni tieghu a fol. 12 u l-kontro-ezami traskritt a fol. 19. Minn naha taghha l-konvenuta taccetta li din l-allegazzjoni mxandra kienet impreciza u zzid tiddikjara li din l-ahbar gabitha mis-sit elettroniku maltastar.com u dwarha l-attur ma talab l-ebda rettifika. Ara xhieda taghha a fol. 23 tal-process;

Premessi dawn il-fatti, il-Qorti tibda biex tirregistra b’rikonoxximent tas-sottomissjoni ta’ l-appellanti illi l-attur kien ufficcjal pubbliku fiz-zmien tax-xandira ta’ l-ahbar. Taqbel ukoll in linea generali illi l-espressjoni hielsa ghandha, sa fejn ikkonsentit f’socjeta` demokratika, tipprevali fuq dik tal-qaghda soggettiva tas-singlu kkritikat jew li fil-konfront tieghu, jsir il-kumment. Indubitament, id-decizjonijiet tad-diversi Qrati, citati mill-appellanti, joffru profili ta’ interess fuq din il-materja u huma validi hafna ghas-sostenn ta’ l-assunt ta’ l-appellanti tal-liberta` ta’ l-espressjoni invokata minnha. Wisq ragonevolment, izda, dan l-assunt ma jistax ikun wiehed sempliciment generiku jew fl-astratt imma ghandu jkun konkretament verifikat u accertat fil-fattispeci u, l-aktar, fl-ambitu ta’ dak il-principju konkordi li jesigi li biex l-ahbar, kumment jew kritika jitqiesu gusti jrid jirrizulta li l-fatti relatati jkunu jikkorrispondu sostanzjalment ghall-verita`. Il-gurisprudenza taghna tabbunda fuq dan il-punt u, ghalkemm tirrikonoxxi latitudni estensiva bi kliem u espressjonijiet vivaci u kkargati fejn si tratta mill-operat ta’ persuna pubblika, ma tonqosx milli tirravviza wkoll illi l-fatti sottostanti ghandhom ikunu veri fil-kompletezza taghhom. Ara “**Il-Pulizija -vs- Dr. Carmelo Caruana**”, Appell Kriminali, 14 ta’ Awissu, 1958. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu r-rekwizit tal-verita` tal-fatt espost ghandu b’oggett l-essenza u s-sostanza tal-kontenut informattiv shih ta’ l-ahbar ippubblikata jew imxandra;

Ipprecizat dan, il-Qorti, kif gja ravvizat f’xi precedenti, tirrikonoxxi illi kultant ahbar tista’ tkun impreciza jew, altrimenti, insinjifikanti, jew ukoll il-fatt ma jkunx adegwatament stabbilit jew ipprovat u li, allura, ma jittiehdux in konsiderazzjoni ghal fini li jkun ritenut li nqabez il-limitu ta’ l-ezercizzju ta’ l-espressjoni hielsa u tad-dritt ghall-informazzjoni jew ghall-eskluzjoni tad-difiza tal-“*fair comment*”. Gie, b’danakollu, ammonit illi “dan naturalment sakemm il-fatt li jirrizulta li ma jkunx provat, jew ma jkun veritjier, ma jkunx fih innifsu addebitu malafamanti, bhal per ezempju, jekk il-fatt ikun jaddebita lil persuna malafamata l-kommissjoni ta’ reat. F’dak il-kaz allura, l-ingurja ma tkunx temani mill-artikolu imma mill-fatt

stess ta' l-addebitu kriminuz li, fih innifsu, jkun jikkostitwixxi l-malafama indipendentement mill-kontenut ta' l-artikolu impunjat". Ara "**Joseph Mifsud -vs- Daphne Caruana Galizia**", Appell, 27 ta' April, 2001;

Premess dan, oggettivament, l-ahbar li l-attur kien qed isuq vettura bla licenzja f'data partikolari kienet, innegabilment, addebitu ta' fatt illegali ("b'ksur tal-ligi") b'riflessjoni fuq il-kondotta negattiva u abuziva tieghu. Din ma kienetx allura semplici imprecizazzjoni jew ta' xi percezzjoni zbaljata tar-realta` dwar liema l-konvenuta setghet tinvoka l-iskriminanti mir-responsabilita`. Ugwalment, lanqas ma hi kawza gustifikata l-istqarrija ta' l-appellanti illi hi kienet hadet dik l-ahbar minn fonti ohra ta' l-ahbarijiet u dwarha ma saret ebda talba ta' rettifika mill-attur appellat. Il-prova ta' l-izball jista' talvolta sservi bhala ezenzjoni mir-responsabilita` jekk ikun muri illi l-gurnalist jew l-editur ikun effettivament ikkontrolla sewwa dik l-ahbar u mhux ghax sempliciment hu jkun ghamel affidament, anke in bwona fede, fuq is-sors ta' dik l-ahbar. Inghad a propozitu mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** illi "*affinche sia configurabile l'esimente putativo dell'esercizio di cronaca è necessario che il giornalista usi legittimamente le fonti informative mediante l'esame , il controllo e la verifica dei fatti che ne costituiscono il contenuto, offrendo la prova della cura e della cautela da lui posta negli accertamenti svolti per vincere ogni dubbio e incertezza prospettabili in ordine alla verita` sostanziale dei fatti.*" (**Cass. 23 ta' Lulju, 1996 Numru 1093**);

Issa huwa minnu dak sottomess mill-appellanti illi l-attur kellu l-ghazla li jitlob li tkun imxandra dikjarazzjoni li tikkontraddici jew li tispjega dak li ntqal dwaru. Dan pero` ma jfisserx, imbaghad, illi l-attur kien marbut li jopta ghal dan ir-rimedju invece ta' l-azzjoni propulsa minnu. Dan id-dritt ta' l-azzjoni kien tieghu wkoll ghax moghti lilu mil-ligi u l-attur kien fil-liberta` li jaghzel bejn ir-rimedju wiehed jew l-iehor. Ara d-decizjoni fl-ismijiet "**Onorevoli Perit Charles Buhagiar -vs- Ray Bugeja *nomine***", Appell, 25

ta' Mejju, 2001, ghal liema rreferiet ukoll l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

Lanqas ma hi accettabbli l-proposizzjoni maghmula f'dan l-istess kuntest ta' l-assenza ta' l-*animus iniuriandi*. It-test veru ma huwiex dak li wiehed jara x'kien fl-intendiment tax-xandar imma jekk il-kontenut ta' dak li xxandar twassalx bil-ghan li jtellef il-gieh tas-soggett, mira ta' l-ahbar. Aktar minn hekk, x'fehem is-semmiegh ordinarju ta' intelligenza normali meta sema' dik l-ahbar. Taht dan il-profil din il-Qorti tabbraccja l-veduta konsolidata tal-Qrati qabilha illustrata f'dawn il-precedenti: "**William Rutter -vs- Percy Horace Philips *et***", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu, 1922 u "**Avv. Dr. Joseph Desira Buttigieg -vs- Emmanuele Cossai *et***", Appell Kriminali, 29 ta' Novembru, 1958;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni ta' l-ahhar aggravju korrelat mal-punt tal-likwidazzjoni tad-danni u li, hawn, incidentalment, l-attur appellat ma offra ebda kumment fir-risposta tieghu. Gja din il-Qorti kellha okkazjoni tosserva fuq l-ispjegazzjoni traccjata fl-opra tal-**Franzoni** ("**Le obbligazioni da fatto illecito**", Ed. Utet, 2004, pagna 603) illi fil-likwidazzjoni tad-dannu morali minn lezjoni ghar-reputazzjoni jigu konsiderati generalment tliet kriterji, u cjoe: (1) "*gravita del fatto*"; (2) "*estensione della diffamazione*"; u (3) "*qualita` del soggetto leso*". Fuq l-ewwel kriterju, li hu l-aktar wiehed gerarkikament u sostanzjalment importanti, l-istess awtur issokta jirritjeni illi dan il-kriterju "*si riferisce sia all'addebito particolarmente infamante, sia alla situazione prodottasi in seguito dell'attribuzione diffamatoria*";

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ankorke l-addebitu ta' sewqan bla licenzja hu wiehed serju, meta dan, imbaghad, jigi rifless fil-konsiderazzjoni tal-kontenut shih ta' l-ahbar, kompriza allura dik il-parti relattiva ghat-tixhim, ammessa mill-attur, ma jidherx li l-istess addebitu, ipprecipita xi pregudizzju magguri jew aktar sever minn dak li kienet taghmel dik l-

ahbar veritiera l-ohra. Minn naha l-ohra, kif senjalat mill-istess **Franzoni** (***Op. cit.*** **pagna 604**), "*particolare rilievo è attribuito alla capacita` di penetrazione del mezzo della televisione poiche` tale mezzo, notoriamente, possiede una capacita` di penetrazione piu` efficace rispetto alla stampa, impedendo ai destinatari della notizia, la riflessione e la critica, in modo tale che la notizia si fissa nella memoria dei telespettatori cosi come viene presentata*";

Kif taraha din il-Qorti, rettament valutata fl-isfond tal-kumpless tac-cirkostanzi kollha, l-ahbar, imkejla kif imiss fuq il-mizien, pro jew kontra, ghandha ggib temperament fid-danni kif likwidati mill-ewwel Qorti. Dan fis-sens li ghandha tigi ridotta almenu bin-nofs ghall-ammont ta' erba' mitt euro (€400).

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti, filwaqt li tirrespingi l-ewwel tliet aggravji, tilqa' r-raba' wiehed fis-sens li tvajra l-likwidazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti u tirreduci l-istess ghas-somma ta' erba' mitt euro (€400), pagabbli mill-konvenuta lill-attur in linea ta' danni. L-ispejjez tal-prezenti istanza jibqghu a karigu ta' l-istess konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------